MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 442/2003

**Avviz numru 442/2003DM**

**Malta Drydocks f'isimha u ghan-nom ta' Manoel Island Yacht Yard**

**Vs**

**Simon Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf sitt mija u erbgha u sebghin lira u tmienja u tmenin centezmu (Lm1,674.88) somma dovuta minnhu prezz ta' fornituri, xoghol u servizzi, inkluz storage dues, moghtija u esegwiti fuq inkarigu tieghu fuq il-yacht Rock.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-18 ta' Marzu 2003 u tad-9 ta' Lulju 2003, u tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Lulju 2003, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' elf sitt mija u erbgha u sebghin lira u tmienja u tmenin centezmu (Lm1,674.88) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mid-9 ta' Settembru tas-sena 2003;

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------